MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 227/2014

**AB**

**-vs-**

**Dr Anthony Stellini u l-PL Melissa Anastasi li b'digriet tal-15 ta' Ottubru 2014 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D u b'digriet tal-11 ta' Dicembru 2014 Dr Anthony Stellini gie sostitwit b'Dr Mark Anthony Mifsud Cutajar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attrici, li permezz tieghu ippremettiet :

1. Illi r-rikorrenti kienet mizzewga lil certu C D gewwa l-Ingilterra u minn dan iz-zwieg fid-disgha (9) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) twieldet il-minuri J D, li llum ghandha erba' snin, u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li qed jigi anness u markat bhala Dokument 'A';
2. Illi meta l-minuri kellha biss erba' xhur missierha, u cioe' C D abbanduna d-dar matrimonjali sabiex jghix hajja ta' xalar u divertiment u ghaldaqstant halla warajh martu u bintu ta' ftit xhur li kellhom ifendu wahedhom;
3. Illi minn dakinhar li abbanduna d-dar matrimonjali mar jghix ma habib tieghu C D qatt ma wera l-icken interess lejn bintu minuri Amy;
4. Illi fis-sena 2011 il-partijiet iddivorzjaw skont il-Ligijiet ta' l-Ingilterra izda nonostante dan ma gewx regolarizzati t-termini u l-kundizzjonijiet li ghandhom jirregolaw il-kura u kustodja, l-access u l-manteniment ghall-minuri J D;
5. Illi wara d-divorzju ta' bejn il-partijiet, ir-rikorrenti ddecidiet li tigi tghix lura Malta sabiex ikollha l-appogg u l-ghajnuna tal-genituri taghha. Ghaldaqstant hija kienet intavolat rikors quddiem il-Peterborough County Court gewwa l-Ingilterra sabiex tkun tista' tnehhi l-minuri mill-gurisdizzjoni Ingliza;
6. Illi fit-22 ta' Marzu 2011, Peterborough County Court iddecidiet li l-minuri Amy ghandha tirrisjedi flimkien mar-rikorrenti. Apparti minn hekk l-istess Qorti Ingliza awtorizzat lir-rikorrenti sabiex tnehhi l-minuri b'mod permanenti mill-gurisdizzjoni Ingliza u dan sabiex l-istess minuri tkun tista' tghix gewwa Malta flimkien mar-rikorrenti. Il-Qorti irregolat ukoll l-access ta' C D ghal bintu minuri. L-imsemmi digriet qed jigi anness u markat bhala Dokument 'B';
7. Illi l-minuri Amy ilha tghix b'mod permanenti gewwa Malta flimkien mar-rikorrenti u ohta Mary Summer Rose Morgan minn Mejju tas-sena 2011, u tattendi l-iskola ta' Maria Regina gewwa n-Naxxar. Il-minuri llum hija cittadina Maltija kif jidher mic-certifikat ta' cittadinanza Maltija li qed jigi anness u markat bhala Dokument 'C'. Amy illum tqis Malta bhala pajjizha u ghaliha missierha huwa zewg ir-rikorrenti, Paul Saliba, tant li tghajjatlu 'Dad'. Jontahan D harab minn bintu meta kellha eta tenera hafna u minn dakinhar qatt ma ried kuntatt maghha u ghaldaqstant il-minuri qatt ma nghatat l-opportunita' li ssir taf missierha naturali;
8. Illi r-rikorrenti kienet ghamlet minn kollox sabiex C D izomm kuntatt ma bintu Amy izda l-isforzi taghha kienu kollha ghal xejn. C D

abbanduna lil bintu b'mod assolut u lanqas indenja ruhu jirrispondi ghall-emails u telefonati tal-esponenti;

9. Illi fost l-isforzi tar-rikorrenti ta' emails, Skype u pluralita ta' telefonati, ir-rikorrenti sa anke wasslet issiefer lejn l-Ingilterra sabiex C D jezercita d-dritt ta' access tieghu skont id-digriet tal-Qorti Ingliza u dan minkejja li qatt ma wera interess lejn bintu. In effetti nonostante li r-rikorrenti stenniet lil C D l-arjuport flimkien ma Amy gara li lanqas biss tfacca sabiex jara lil bintu. Minn dakinhar C D biddel in-numru tal-mawbajt tieghu u l-emails ma baqghux jigu ddeliverjati;

10. Minhabba dan in-nuqqas ta' kuntatt u interess da parti ta' missier Amy, ir-rikorrenti kienet qed tigi rinfaccjata b'diversi diffikultajiet peress li kien ferm difficli, anzi pjuttost impossibbli, ghaliha sabiex tottjeni l-awtorizzazzjoni tieghu dwar dak kollu koncernanti l-minuri. Kien ghalhekk li r-rikorrenti ddecidiet li tintavola rikors quddiem il-Qorti Ingliza sabiex C D jaghti l-kunsens tieghu biex il-minuri tottjeni passaport Malti, cittadinanza doppja, Visas kif ukoll kwalsiasi trattament mediku necessarju. Kien proprju l-Qorti li r-rikorrenti rnexxielha titkellem wara hafna zmien ma C D u xorta wahda baqa' tal-istess fehma, u cioe' li ma riedx kuntatt ma bintu Amy.

11. Illi l-Qorti Ingliza permezz ta' digriet iehor datat 16 ta' Jannar 2013 ordnat lil C D sabiex jikkonferma ruhu mal-proceduri u l-formalitajiet necessarji biex il-minuri tottjeni d-dokumentazzjoni kollha hawn fuq imsemmija. Oltre dan fl-istess digriet il-Qorti Ingliza revokat id-digriet taghha datat 22 ta' Marzu 2011 hlief ghad-dispozizzjonijiet rigwardanti r-residenza tal-minuri u t-tnehhija b'mod permanenti tal-minuri mill-gurisdizzjoni Ingliza. <u>Illi ghaldaqstant id-dritt ta' access ta' C D gie revokat mill-Qorti u dan proprju minhabba d-dikjarazzjoni tieghu **li m'ghandux interess ifittex kuntatt ma bintu, la direttament u lanqas indirettament**</u>. L-imsemmi digriet qed jigi anness u markat bhala Dok 'D';

12. Illi d-digriet datat 16 ta' Jannar 2013 huwa l-ahhar digriet li nghata mill-Qorti Ingliza fil-konfront tal-minuri Amy. Dakinhar tas-seduta tas-16 ta' Jannar 2013 gewwa l-Qorti Ingliza, C D kien qal lir-rikorrenti li ser imur ghand Nutar Pubbliku fejn ser jiffirma dikjarazzjoni statutorja sabiex ma jkollux x'jaqsam aktar ma bintu Amy. Cirka xahrejn wara d-data ta' l-ahhar digriet ir-rikorrenti irceviet l-imsemmija dikjarazzjoni statutorja fejn C D qed jaghti l-awtorizzazzjoni tieghu sabiex ir-rikorrenti tiffirma f'ismu <u>kull dokument</u> koncernanti l-minuri li jehtieg l-firma tieghu. Din id-dikjarazzjoni qed tigi annessa u markata bhala Dokument E. Dik kienet l-ahhar darba li r-rikorrenti semghet minghand C D u

ghalkemm dakinhar tas-seduta kienet staqsietu ghan-numru l-gdid tal-mowbajl tieghu huwa baqa' qatt ma taha l-ebda numru u l-ebda indirizz tal-email gdid;

13. Illi nonsostante d-digrieti tal-Qorti Ingliza u nonostante d-dikjarazzjoni statutorja ta' missier il-minuri r-rikorrenti xorta wahda kienet qed issib certu ostakoli meta kienet tmur tapplika ghall-hrug ta' dokumenti legali ghall-minuri u ghaldaqstant kienet intavolat rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti liema Qorti awtorizzat lir-rikorrenti sabiex tottjeni d-dokumenti necessarji minghajr il-firma ta' C D. L-imsemmi digriet qed jigi anness u markat bhala Dokument 'F';

14. Illi peress li r-rikorrenti m'ghandha l-icken ideja fejn jinsab C D, hija giet awtorizzata sabiex tipprocedi kontra kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti kontro-parti, kif jidher mid-digriet anness u markat bhala Dokument 'G'. In effetti kif jirrizulta minn Dokument 'H' anness, gew nominati Dr Anthony Stellini LL.D. u P.L. Melissa Anastasi ghal dan l-iskop;

15. Illi jidher car li C D ghamel minn kollox sabiex ma jiffurmax parti mill-hajja ta' bintu u dan minkejja li r-rikorrenti dejjem irsistiet sabiex huwa jzomm kuntatt mal-minuri u dan minghajr qatt ma talbitu l-ebda manteniment ghal Amy. In effetti C D qatt ma vversa centezmu ghall-bzonnijiet ta' bintu u sa anki wasal biex jiddikjara fil-Qorti Ingliza illi **m'ghandux interess ifittex kuntatt ma bintu.** Tant hu hekk li lanqas <u>qatt</u> ma ezercita l-access moghti lilu mill-Qorti Ingliza qabel l-istess access gie revokat mill-istess Qorti permezz ta' digriet iehor;

16. Illi huwa proprju ghalhekk li r-rikorrenti tixtieq li l-kura u l-kustodja tal-minuri J D tigi fdata lilha b'mod eklussiv u b'mod partikolari ghaliex ir-rikorrenti xorta wahda qeghda ssib diffikulta' kbira f'dak kollu li jirrigwarda l-bzonnijiet koncernanti l-minuri, bhalma nghidu ahna qed issib certu ostakoli kemm l-iskola fejn tattendi l-minuri kif ukoll meta tiehu lill-minuri l-isptar jew gewwa xi klinika ghal kura. **Jigi enfasizzat li din is-sitwazzjoni u cioe' l-abbandun totali ta' C D huwa kollu ghad-detriment tal-minuri Amy;**

17. Illi r-rikorrenti ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex tipprocedi f'dina l-istanza, prevja n-nomina tal-kuraturi deputati ghall-assenti, u dan skont ma jirrizulta mid-Dokument 'I' li qed jigi anness;

Talbet ghar-ragunijiet premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

i. Tafda lir-rikorrenti bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri J D;
ii. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tiehu dawk il-mizuri kollha necessarji fl-ahjar interess tal-minuri J D;

Bl-ispejjez kontra l-intimat, u b'riserva ghal kwalsiasi azzjoni ohra;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Anthony Stellini u PL Melissa Anastasi, li permezz taghha eccepew :

1) Ili l-esponenti mhux edotti mill-fatti u jirrizervaw illi jissottomettu risposta ulterjuri malli jkunu jafu bil-fatti kollha;
2) Illi ghar-rigward it-tieni talba, l-attrici trid tipprova li C D abbanduna d-dar matrimonjali sabiex jghix hajja ta' xalar u divertiment u li halla warajh lil martu u lil bintu J D u ma telaqx ghar-ragunijiet ohra validi skont il-ligi;
3) Illi ghar-rigward it-tielet talba, l-attrici trid tipprova li C D attwalment mar jghix ma habib tieghu; u izjed minn hekk, x'jismu u fejn joqghod dan il-habib tieghu;
4) Illi jigi prezentat id-dokument skont il-Ligijiet tal-Ingilterra fejn juri car li l-partijiet kienu iddivozjaw fis-sena 2011;
5) Illi ghar-rigward tas-seba' u t-tmien talba, ir-rikorrenti trid tipprova li l-intimat C D harab minn bintu meta kienet fl-eta' tenera jew inkella kienitx ir-rikorrenti stess li telqet mill-Ingilterra sabiex tizzewweg lil Paul Saliba u li hi ghamlet minn kollox sabiex C D izomm kuntatt mal-familja tieghu;
6) Illi ghar-rigward tad-disa' talba, ir-rikorrenti ghandha iggib il-kopji necessarji tal-emails, Skype u l-biljetti tal-ajru sabiex skont hi, C D jezercita d-dritt tal-access lejn bintu skont id-Digriet tal-Qorti Ingliza;

7) Illi mid-dokument li l-attrici ghamlet referenza ghalih bhala Dokument ‘D’ jidher li l-intimat C D ghandu interess fir-rigward tar-rapporti tal-iskola ta’ bintu Amy Jane;
8) Illi ghar-rigward tat-talba numru hmistax, C D xorta wahda jibqa il-missier bijologiku ta’ bintu Amy u li r-rikorrenti trid tipprova dak li qed tallega fil-konfront tal-intimat;
9) Illi l-kuraturi deputati ma jisibux oggezzjoni li l-kura u l-kustodja tal-minuri J D tigi fdata lir-rikorrenti kemm il-darba li jigi ppruvat mir-rikorrenti stess, minn dokumenti ohra mitluba f’din ir-risposta stess u minn provi ohra, li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-minuri stess ma tigix esposta ghall-abbuzi minn terzi persuni u dan dejjem taht dawk il-kundizzjonijiet u provvedimenti ohra li din l-Onorabbli Qorti Civili jidhrilha xieraq;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Anthony Stellini u PL Melissa Anastasi;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Mark Anthony Mifsud Cutajar u il-PL Melissa Anastasi :

Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Mark Anthony Mifsud Cutajar u PL Melissa Anastasi;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-kura u l-kustojda tal-minuri J D fejn min-naha taghha r-rikorrenti tikkontendi li ghandha tigi fdata b'mod esklussiv bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri *stante* li l-intimat assenti abbanduna lill-istess minuri u sahansitra mar *oltre* minn dan meta quddiem Qorti Ingliza, ddikjara li ma ried ikollu ebda kuntatt ma' bintu la b'mod dirett u lanqas indirett.

**<u>Verzjoni tar-rikorrenti</u>**

Illi jibda biex jinghad li r-rikors promotur tal-attrici jaghti spjegazzjoni cara u dettaljata tal-fatti u cioe' (b'mod konciz kemm jista' jkun) li hi u l-missier naturali tal-minuri kienu mizzewgin, iddivorzjaw gewwa l-Ingilterra izda l-Qorti tal-Ingilterra ma provdietx dwar kura u kustodja tal-istess minuri fil-pronunzja tad-divorzju taghhom. L-intimat min-naha tieghu, ma wera ebda interess f'bintu u ghalhekk ir-rikorrenti ddecidiet li tigi tghix Malta flimkien mat-tifla. Kien proprju ghalhekk li talbet l-awtorizazzjoni tal-Qorti biex iggib lill-minuri hawn Malta u tali awtorizazzjoni inghatat b'dan li l-intimat inghata dritt ta' access, pero' tali access qatt ma gie ezercitat da parti tal-intimat. Tispjega li minkejja t-tentattivi taghha sabiex ikun hemm rapport bejn il-missier u l-bint, dan qatt ma sehh ghaliex qata' kull forma ta' kuntatt. L-istess rikorrenti hadet il-passi necessarji sabiex il-minuri ggib cittadinanza doppja b'dan li meta l-Qorti Ingliza ghamlet kuntatt mal-intimat, dan rega' sostna li ma ried ebda kuntatt ma' bintu. Abbazi ta' dan l-access li kien gie moghti, l-istess intimat gie revokat mill-Qorti Ingliza. Sussegwentement, l-intimat iddikjara bil-miktub li ma ried li jkollu ebda kuntatt mal-minuri, la b'mod dirett u lanqas b'mod indirett. Tiddikjara li minkejja tali dikjarazzjoni, qed issib certu diffikultajiet prattici bhal meta tmur tapplika ghall-hrug ta' dokumenti ufficjali f'isem il-minuri u huwa f'dan il-kuntest li kellha tintavola din il-kawza. Tenfasizza kemm l-intimat assenti m'ghandu ebda interess f'bintu, tant li qatt ma ezercita d-dritt ta' access moghti lilu minkejja l-isforzi taghha.

Permezz tal-affidavit taghha[1], r-rikorrenti tkompli taghti aktar dettalji dwar l-istorja ta’ bejn il-partijiet, fosthom il-fatt li l-abbandun da parti tal-intimat kien ta’ xokk kbir ghaliha u kien ta’ sorpriza wkoll. Sabet l-ghajnuna assoluta tal-familja taghha u ta’ xi hbieb. Minkejja l-isforzi taghha (u f’dan is-sens tipprezenta wkoll *email* b’numru ta’ ritratti[2] mibghuta lill-intimat assenti u *emails* ohra fejn tinfurmah dwar il-minuri u s-sahha taghha[3]), l-intimat ma taha ebda risposta. Tghid li kull tentattiv taghha kien fin-negattiv, ad eccezzjoni tal-uniku darba fejn staqsietu jekk kienx lest li jikkontribwixxi b’mod finanzjarju ghall-minuri u rrisponda b’mod sarkastiku, fejn accenna wkoll li kienet qed timbarazza ruhha li tistaqsi ghall-flus[4]. Tkompli taghti l-verzjoni kronologika tal-fatti, inkluz kif irnexxielha ggib l-awtorizazzjoni biex titlaq mill-Ingilterra bil-minuri b’mod legali. Tghid li min-naha taghha, minkejja li ma kienx hemm interess da parti tieghu, pruvat izzomm kuntatt mieghu minhabba l-access tat-tifla, tant li minkejja dawn il-problemi kollha u n-nuqqas ta’ interess tieghu, xorta wahda telghet l-Ingilterra bit-tifla biex tipprova taghmel li tista’ biex timxi mad-digriet ta’ access li kien ghadu *in vigore* dak iz-zmien, izda l-intimat ma tfaccax u baqa’ ma rax lil bintu.

Izzid tghid li minkejja d-dikjarazzjoni bil-miktub li ghamel l-intimat (fis-sens li ma ried ebda kuntatt mal-minuri), xorta ma kienx qed jirnexxielha ggib passaport Malti ghall-minuri minghajr il-kunsens tieghu. Infurmatu dwar din il-kwistjoni,[5] izda baqghet minghajr ebda forma ta’ risposta minghandu. L-ahhar li ghamlet kuntatt mieghu kien nhar is-16 ta’ Jannar 2013 u qatt aktar. Tiddikjara li issa ilha tghix Malta flimkien mal-minuri ghal numru ta’ snin, b’dan li l-minuri stabbiliet relazzjonijiet tajbin u ghandha hajja stabbli. Izzid tghid ukoll li zewgha Paul Saliba jrabbi lill-minuri u jghin fl-edukazzjoni taghha ghaliex hi lilu biss taf bhala missier. Taghlaq billi tghid li minhabba l-fatt li m’ghandhiex kura u kustodja esklussiva, qed issib certu diffikultajiet fejn jidhlu dokumenti, skola u sptarijiet. Tibza’ li jekk jigri xi haga, l-firma taghha ma tkunx bizzejjed.

[1] Esebit a fol 46 tal-process
[2] Ara Dok. SS4 anness mal-affidavit tar-rikorrenti a fol 57 tal-process
[3] Ara Dok. SS5 u Dok. SS6 annessi mal-affidavit tar-rikorrenti a fol 58 u 59 sa’ 61 tal-process
[4] Ara Dok. SS7 esebit a fol 62 tal-process
[5] Ara Dok. SS11 esebit a fol 71 tal-process

Tghid li minhabba s-sitwazzjoni prezenti, hija l-minuri li qed tkun pregudikata minhabba l-fatt li prezentement il-kura u kustodja tal-minuri hija wahda kongunta peress li l-intimat assenti m’ghandu ebda interess fiha. Taghlaq billi tghid li l-fatt li tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri tfisser li ser tkun f’posizzjoni li teghleb il-problemi u ghalhekk temmen li huwa fl-ahjar interessi ta’ bintha li tigi fdata bil-kura u l-kustodja taghha.

## Il-Provi Migbura

Il-Qorti taghmel referenza ghad-dokumenti esebiti mar-rikors promotur, liema dokumenti jaghtu prova tal-kronologija tal-fatti hekk kif deskritti mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghha. B’referenza ghal Dok. E[6] il-Qorti tara li tali dokument huwa prova cara tal-intenzjoni tal-intimat u cioe’ dik li jaghti kull poter lill-omm u cioe’ lir-rikorrenti sabiex tiddeciedi u taghmel kollox hi b’mod esklussiv u a spejjez taghha. Ir-rikorrenti tipprezenta wkoll diversi dokumenti li permezz taghhom taghti prova ta’ kif graw il-fatti, kif ukoll tat-tentattivi taghha biex tipprova ma teskludix lill-intimat assenti mill-hajja tal-minuri, izda dan kollu kien ta’ xejn ghaliex l-intimat qatt ma wera interess f’bintu.

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta’ zewgha Paul Saliba[7], t’ommha Dolores Morgan[8], ta’ missierha Frederick Morgan[9], ta’ Charmaine D[10] u ta’ Deborah Bugeja[11] li kollha, bil-mod taghhom, jikkonfermaw li hija r-rikorrenti li dejjem hadet hsieb lill-minuri u li l-intimat assenti qatt ma wera interess f’bintu.

## Dwar il-Kura u l-Kustodja

[6] Esebit a fol 17 tal-process
[7] Ara l-affidavit tieghu esebit a fol 73 tal-process
[8] Ara a fol 76 tal-process
[9] Ara a fol 80 tal-process
[10] Ara a fol 84 tal-process
[11] Ara a fol 86 tal-process

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud**[12] fejn gie dikjarat li "***Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal***" kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon**[13] u **Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino**[14] fejn gie ritenut li "***r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal***".

Il-qorti f'dan l-istadju ma tistax ma taghtix kredibilita' lir-rikorrenti, li turi kemm verament qieghda tiehu hsieb lill-minuri bl-ahjar mod possibbli. Dan hu kkonfermat mix-xiehda li ressqet kif ukoll mill-fatt li ghalkemm kienet f'pajjiz iehor, hadet kollox bil-mod u segwiet kull pass legali biex dak li taghmel taghmlu skond il-ligi. Kien ghalhekk li giet Malta biss wara l-awtorizazzjoni necessarja. Tali komportament juri mhux biss sens ta' maturita', izda wkoll sens li r-rikorrenti kapaci tpoggi l-interessi ta' bintha qabel taghha. Min-naha tieghu l-intimat jidher li m'ghandu ebda interess fil-minuri, tant li ddikjaraha bil-miktub. Tali nuqqas ta' interess assolut fil-minuri, juri li l-istess intimat zgur li m'huwiex idoneju biex ikun fdat bil-kura u l-kustodja ta' bintu, anke jekk b'mod kongunt mar-rikorrenti. Missier li lanqas irid kuntatt ma' bintu kemm b'mod dirett jew indirett, m'ghandux ikollu d-dritt li jippregudika l-hajja ta' bintu. Min-naha l-ohra, l-fatt li l-intimat assenti m'ghandux interess f'bintu ma jfissrix awtomatikament li l-minuri ghandha tkun fdata f'idejn l-omm. Irid jigi accertat li dan ikun fl-ahjar interessi tal-minuri.

Izda mill-provi esebiti kif ukoll mill-fatt li r-rikorrenti ilha tiehu hsieb lill-minuri minn mindu twieldet, dejjem rat l-ahjar interessi taghha, tista' ttiha ambjent tajjeb fejn titrabba tant li ghandha ragel li jhobb lil bintha qisha tieghu. Dan iwassal lil din il-qorti sabiex minghajr ebda forma ta' dubju, tiddeciedi li verament huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja taghha tigi fdata b'mod esklussiv f'idejn ir-rikorrenti. Dan ifisser li ghandha tkun l-istess rikorrenti li b'mod esklussiv tiehu d-decizjonijiet

[12] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947
[13] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972
[14] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972

kollha relatati mal-istess minuri, specjalment in vista tal-fatt li jirrizulta car li l-intimat mhux fil-hajja tal-istess minuri.

Ghalhekk, fid-dawl ta’ dak citat, il-qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba;
2. Tilqa’ t-tieni talba.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, b’dan li provizorjament l-ispejjez u d-drittijiet tal-kuraturi deputati mahtura jigu sapportati mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------